

Brussell, 6 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15512/17
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0327 (NLE)

COASI 199
ASIE 62
NZ 2
POLGEN 163

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2017) 44 final ANNEX
Suġġett:	Proposta Konġunta għal ANNESS ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2017) 44 final ANNEX.

Mehmuż: JOIN(2017) 44 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 6.12.2017
JOIN(2017) 44 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta Konġunta għal

Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-
Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u
New Zealand, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-Regoli
ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termeni ta' referenza tas-
sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma**

ANNESS

DEĊIŻJONI Nru 1/... TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-NEW ZEALAND

ta' ...

li biha jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-NEW ZEALAND,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-partijiet mill-Ftehim ġew applikati b'mod provviżorju sa mit-12 ta' Jannar 2017.
- (2) Għalhekk, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt UE-New Zealand, kif stipulat fl-Anness, huma b'dan adottati.

Magħmul ...,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-New Zealand
President*

Anness

Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u New Zealand

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT

Kompożizzjoni u kompiti

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-ħidmiet stipulati fl-Artikolu 53 tal-Ftehim.
2. Il-Kumitat Konġunt ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet fil-livell xieraq.

President

3. Il-Kumitat Konġunt ikun ippresedut alternattivament minn kull waħda mill-Partijiet, għal perjodu ta' sena kalendarja.
4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, l-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

Laqgħat

5. Il-Kumitat Konġunt normalment jiltaqa' darba fis-sena, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Partijiet. Il-laqgħat għandhom jiġu msejħa mill-President u jinżammu darba iva u darba le fi Brussell u f'Wellington, f'data stabbilita bi qbil reċiproku. Laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru b'talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
6. Il-Kumitat Konġunt normalment jiltaqa' fil-livell ta' uffiċjali għolja, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

Pubbliċità

7. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi.

Parteċipanti

8. Qabel kull laqgħa, il-President għandu jiġi infurmat, permezz tas-Segretarji, bil-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni tal-Parti tagħhom.
9. Fejn ikun xieraq u bil-ftehim reċiproku mal-Partijiet, esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi jew sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari.

Segretarji

10. Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tal-Ministeru għall-Affarjiet Barranin u l-Kummerċ ta' New Zealand flimkien iservu

bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt. Il-komunikazzjonijiet kollha lil u mingħand il-President tal-Kumitat Konġunt għandhom jingħaddu lis-Segretarji.

Aġendi tal-laqgħat

11. Il-President ifassal l-aġenda provviżorja ta' kull laqgħa. Din tiġi trażmessa, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-Parti l-oħra sa mhux iktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.
12. L-aġenda provviżorja tinkludi punti li jkunu ppreżentati quddiem il-President sa mhux aktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa.
13. Il-Kumitat Konġunt jadotta l-aġenda finali fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti apparti dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.
14. Bi qbil mal-Partijiet, il-President jista' jqassar il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 11 u 12 fejn meħtieġ.

Minuti

15. Is-Segretarji għandhom jipproduċu b'mod konġunt abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa, normalment fi żmien 30 jum kalendarju minn tmiem il-laqgħa. L-abbozz tal-minuti jkun ibbażat fuq sinteżi mill-President tal-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-Kumitat Konġunt.
16. L-abbozz ta' minuti għandhom jiġu approvati miż-żewġ Partijiet fi żmien 45 jum kalendarju minn tmiem il-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra miftiehna mill-Partijiet. Malli jintlaħaq qbil dwar l-abbozz tal-minuti, żewġ kopji oriġinali għandhom jiġu ffirmati mill-President u s-Segretarji. Kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali waħda.

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

17. Il-Kumitat Konġunt jista' jaqbel li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet. Dawn għandhom ikollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni", segwiti b'numru ta' serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett. Kull deċiżjoni għandha tiddikjara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
18. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub. F'tali każijiet, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar limitu ta' żmien għat-tul tal-proċedura. Jekk mal-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien, l-ebda Parti ma tkun esprimiet oppożizzjoni għall-proposta ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jiddikjara li d-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni ġew adottati bi ftehim komuni.
19. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jiġu awtentikati permezz ta' żewġ kopji oriġinali ffirmati mill-Presidenti tal-Kumitat Konġunt.
20. Kull Parti tista' tiddeċiedi li tippubblika d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Korrispondenza

21. Korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt għandha tintbagħat lis-Segretarju tal-Parti tal-awtur, li għandu min-naħa tiegħu jgħarraf lis-Segretarju l-ieħor.
22. Is-Segretarji għandhom jiżguraw li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt tingħata lill-Presidenza u tiġi ċċirkolata, meta jkun xieraq, skont il-paragrafu 25.
23. Il-korrispondenza mill-President għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarji u, fejn xieraq, tiġi ċċirkolata, bħala dokumenti kif imsemmi fil-paragrafu 25.
24. Il-korrispondenza lil u mill-President tista' ssir permezz ta' kull mezz bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika.

Dokumenti

25. Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ikunu bbażati fuq dokumenti, dawk id-dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati mis-Segretarji lill-parteciċipanti.

Spejjeż

26. Kull Parti tiegħu ħsieb l-ispejjeż li ġġarrab bħala riżultat tal-parteciċipazzjoni fil-laqqgħat tal-Kumitat Konġunt, kemm fir-rigward tal-impjegati, l-ivvjaġġar u n-nefqa tal-għajxien kif ukoll fir-rigward tan-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
27. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqqgħat u mar-riproduzzjoni ta' dokumenti għandhom jitħallsu mill-parti li tkun qed tospita l-laqqgħa.

Sottokumitati u Gruppi ta' Ħidma

28. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jwaqqaf Sottokumitati u Gruppi ta' Ħidma sabiex jgħinuh fit-twettiq ta' dmirijietu.
29. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jtemm kwalunkwe Sottokumitat jew Grupp ta' Ħidma li huwa jkun stabbilixxa jew li jistabbilixxi jew jemenda t-termini ta' referenza tiegħu.
30. Is-Sottokumitati u l-Gruppi ta' Ħidma jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt wara kull laqqgħa tagħhom.
31. Il-Gruppi ta' Ħidma ma jkollhom l-ebda setgħa li jieħdu deċiżjonijiet iżda jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

Emenda tar-regoli ta' proċedura

32. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jemendaw dawn ir-regoli ta' proċedura, skont il-paragrafi 17 sa 20.

DEĊIŻJONI Nru 2/... TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-NEW ZEALAND

ta'....

dwar l-adozzjoni tat-t-termini ta' referenza tas-Sottokumitati u tal-Gruppi ta' Ħidma

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-NEW ZEALAND,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u n-New Zealand, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu, u l-paragrafi 28 sa 31 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,

Billi:

Skont il-paragrafu 28 tar-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokumitati u gruppi ta' ħidma sabiex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

It-termini ta' referenza tas-Sottokumitati u l-Gruppi ta' Ħidma tal-Kumitat Konġunt huma stabbiliti kif imniżżel fl-Anness.

Magħmul fi..., xxxx.

*Għall-Kumitat Konġunt UE-New Zealand
President*

Anness

Termini ta' referenza tas-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma

1. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma għandhom jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-Ftehim fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, kif speċifikat mill-Komitat Konġunt. Huma jistgħu jiddiskutu wkoll suġġetti jew proġetti speċifiċi rigward il-qasam rilevanti ta' kooperazzjoni bilaterali.
2. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Komitat Konġunt. Dawn għandhom jittrażmettu l-minuti u rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-Komitat Konġunt fil-perjodi ta' żmien speċifikati mill-Komitat Konġunt.
3. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma għandhom ikunu komposti minn rappreżentanti taż-żewġ Partijiet.
4. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma jistgħu jistiednu esperti għal-laqgħat tagħhom u jistgħu jisimgħuhom rigward punti speċifiċi fuq l-aġenda.
5. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma jkunu ppreseduti mill-Parti li jkollha l-Presidenza tal-Komitat Konġunt.
6. Rappreżentant ta' kull parti għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji ta' kull Sottokomitati u l-Grupp ta' Ħidma. Is-Segretarji għandhom jaqdu l-istess funzjonijiet bħas-Segretarji tal-Komitat Konġunt.
7. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma għandhom jiltaqgħu minn tal-inqas darba kif dirett mill-Komitat Konġunt. Laqgħat straordinarji jistgħu jsiru b'talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Kull laqgħa ssir fi żmien u f'post li dwarhom ikun hemm qbil miż-żewġ Partijiet.
8. Is-Sottokomitati u l-Gruppi ta' Ħidma għandhom joperaw skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt fir-rigward tal-aġendi, il-minuti, ir-rakkomandazzjonijiet, il-korrispondenza, id-dokumenti, u l-ispejjeż sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Komitat Konġunt.
9. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-laqgħat ma jkunux pubbliċi.